# Animazzjoni - Is-Sitt Ħadd ta’ Matul is-Sena (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna sabiex niċċelebraw flimkien il-liturġija tas-Sitt Ħadd ta’ Matul is-Sena. Il-liturġija ta’ dan il-Ħadd tistedinna sabiex naħdmu ħalli nimxu wara l-valuri ta’ Kristu u biex ma ningarrux mal-kurrent tad-dinja
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, jiddomina l-kuntrast bejn dawk li jimxu wara l-Mulej u dawk li ma jimxux warajh. Dan il-kuntrast jidher l-aktar fil-Qawmien mill-Imwiet ta’ Kristu. Li kieku dan l-avveniment ma seħħx, fiergħa kienet tkun l-fidi tagħna.
Nisimgħu b’attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu

**Offertorju:**

Il-valuri huma essenzjali fil-ħajja tan-nisrani. Sabiex dawn jitwettqu skont ir-rieda ta’ Alla hemm bżonn ħidma kontinwa. Ejjew permezz tal-offerti tagħna nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna, filwaqt li nitolbuh idawwalna aktar.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Hieni dak li għalissa huwa bil-ġuħ għax fl-aħħar jitrejjaq bi Kristu. It-tqarbin huwa okkazjoni fejn in-nisrani jiltaqa’ ma’ Dak li tassew itaffilu l-ġuħ.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.